# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rikors Nru. 1030/15JRM**

Fl-atti tar-Rikors Maħluf 1094/11JRM fl-ismijiet:

Mario **DIFESA** u Josephine mart l-istess Mario Difesa

vs

Joseph **FABRI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta' Ottubru, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-eżekutat Joseph Fabri talab li din il-Qorti tħassar f'parti minnu l-Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ kontrih fil-11 ta' Jannar, 2012[1], fuq talba tal-intimati miżżewġin Difesa (aktar 'il quddiem imsejħin "l-eżekutanti"), u dan għaliex instab il-bejgħ ta' sehem ta' ġid immobbli milqut bl-istess Mandat u l-bejgħ ma jistax isir jekk kemm-il darba l-Mandat jibqa' fis-seħħ safejn jolqot l-imsemmi sehem;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Novembru, 2015, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutant[2], bi żmien għan-Nota bis-sottomissjonijiet bit-tweġiba tagħhom għat-talba tal-eżekutat;

[1] Mandat Inibizzjoni 1558/11AE
[2] Minn dakinhar li nħareġ il-Mandat, mart l-eżekutant mietet u huwa assuma l-atti kollha f'isimha

Rat in-Nota mressqa mill-intimat eżekutant Difesa fit-18 ta' Novembru, 2015, li biha laqa' għat-talba tal-eżekutat billi qal li r-rikors ma jiswiex għaliex l-eżekutat ma jsemmix taħt is-saħħa ta' liema artikolu ressaq it-talba tiegħu. Iżda, jekk kemm-il darba t-talba tressqet taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, xorta waħda t-talba ma jmisshiex tintlaqa' għaliex ma taqa' taħt l-ebda waħda mill-kawżali maħsuba f'dak l-artikolu. L-eżekutant jisħaq li l-Mandat inħareġ għal pretensjoni ta' tletin elf euro (€ 30,000), filwaqt li l-eżekutat iddikjara li sehmu mill-bejgħ tal-ġid milqut bil-Mandat jilħaq biss ħdax-il elf erba' mija u disgħa u sittin euro (€ 11,469). L-eżekutant żamm il-jedd li jressaq sottomissjonijiet oħrajn jekk ikun il-każ, wara li jilqa' n-notifika tad-dokumenti mehmużin mar-rikors tal-eżekutat, liema notifika baqgħet ma saritlux;

Rat l-atti kollha rilevanti, magħduda dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni u tal-kawża li għalihom jirreferi r-rikors tal-eżekutat;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, minkejja li l-eżekutat ma jsemmix dan fir-rikors tiegħu. Biha l-eżekutat irid li l-Qorti tħassar l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ kontrih fil-11 ta' Jannar, 2012, u dan limitatament għal dak li jirrigwarda s-sehem tiegħu ta' parti minn sittax-il ($^{1}/_{16}$) sehem mhux maqsum mill-fond numru tmintax (18), Triq Imrabat, Sliema. Din it-talba ressaqha minħabba li nstab il-bejgħ tal-post kollu u x-xerrej ma jistax jixtri sakemm il-Mandat ikun fis-seħħ u s-sehem tal-eżekutat ma jkunx jista' jinbiegħ;

Illi r-rikorrent eżekutat jitlob li f'każ li l-Qorti tilqa' t-talba, hija tordna li sehemu mir-rikavat tal-bejgħ, meta jsir il-kuntratt, jitqiegħed taħt l-awtorita' tal-Qorti b'ħarsien tal-kawtela favur l-eżekutant;

Illi fit-Tweġiba tiegħu l-intimat eżekutant laqa' għat-talba tal-eżekutat billi qal li r-rikors ma jiswiex għaliex l-eżekutat ma jsemmix taħt is-saħħa ta' liema artikolu ressaq it-talba tiegħu. Iżda, jekk kemm-il darba t-talba tressqet taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, xorta waħda t-talba ma jmisshiex tintlaqa' għaliex ma taqa' taħt l-ebda waħda mill-kawżali maħsuba f'dak l-artikolu. L-eżekutant jisħaq li l-Mandat inħareġ għal pretensjoni ta' tletin elf euro (€ 30,000), filwaqt li l-eżekutat iddikjara li sehmu mill-bejgħ tal-ġid milqut bil-Mandat jilħaq biss ħdax-il elf erba' mija u disgħa u sittin euro (€ 11,469). L-eżekutant żamm il-jedd

li jressaq sottomissjonijiet oħrajn jekk ikun il-każ, wara li jilqa' n-notifika tad-dokumenti mehmużin mar-rikors tal-eżekutat, liema notifika baqgħet ma saritlux;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li fis-7 ta' Novembru, 2011[3], l-eżekutanti miżżewġin Difesa talbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni biex iżommu lill-eżekutat milli b'xi mod ibiegħ, ineħħi jew b'xi mod ieħor jittrasferixxi b'xi att *inter vivos*, kemm jekk b'mod gratuwitu u kif ukoll jekk b'titolu oneruż, garaxx li jinsab f'Albert Town, fil-Marsa, Triq il-Prinċep Albert, u li jġib l-isem ta' "*Pansy*"; l-arja tal-imsemmi garaxx li ġġib l-isem ta' "*Maple*"; u kif ukoll is-sehem ta' parti minn sittax ($^{1}/_{16}$) mhux maqsuma mill-post numru tmintax (18), Triq Imrabat, Sliema. L-imsemmi Mandat intalab li jinħareġ b'ħarsien ta' pretensjonijiet li l-istess eżekutanti ressqu b'kawża miftuħa minnhom dakinhar ukoll[4];

Illi t-talba tal-eżekutanti ntlaqgħet fil-11 ta' Jannar, 2012;

Illi fil-5 ta' Diċembru, 2014[5], il-familja tal-eżekutat (magħdud magħhom l-istess eżekutat) daħlu fuq att ta' konvenju ma' waħda Greta Bertozzi għall-bejgħ tal-post f'numru 18, Triq Imrabat, Sliema, u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra, fosthom li l-bejgħ isir bil-prezz ta' mija u tlieta u tmenin elf u ħames mitt euro (€ 183,500), li minnhom tħallsu tmintax-il elf tliet mija u ħamsin euro (€ 18,350) dakinhar akkont tal-prezz. Il-konvenju reġa' ġġedded fit-28 ta' Ottubru, 2015, bi tliet xhur oħrajn sad-29 ta' Jannar, 2016, bl-istess termini u kundizzjonijiet. L-imsemmi att ta' konvenju kien reġistrat kif imiss mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali,</u> kif diġa' ngħad, ir-rikorrent eżekutat ma jsemmix liema artikolu tal-liġi jrieġi t-talba tiegħu. Iżda, ladarba t-talba tiegħu hija għat-tħassir f'biċċa minnu ta' Mandat ta' Inibizzjoni l-Qorti għandha għaliex tifhem li l-azzjoni tressqet taħt l-artikolu 836 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili li huwa l-artikolu waħdieni fil-proċedura li jitkellem dwar it-tħassir ta' mandati kawtelatorji, li l-Mandat ta' Inibizzjoni jagħmel minnhom;

Illi ladarba l-eżekutat lanqas isemmi taħt liema dispożizzjoni tal-liġi ressaq it-talba tiegħu, ma għandux għalfejn jingħad li lanqas semma liema kawżali maħsuba fl-istess liġi ssejjes it-talba tiegħu;

---

[3] Rikors Inib. Nru. 1558/11AE (dekretat fil-11.1.2012) Dok "A", f'paġġ. 3 – 8 tal-atti
[4] Rik. Nru. 1094/11JRM li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum
[5] Dok "B", f'paġġ. 9 – 12 tal-atti

Illi, mill-kliem tal-liġi, jidher li huwa meħtieġ li meta persuna tressaq rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju maħruġ kontra tagħha, din għandha tgħid għal liema raġuni tkun qegħda titlob li dan isir. Dawk ir-raġunijiet jistgħu jkunu aktar minn waħda, imma dejjem iridu jkunu jaqgħu fil-kategorija tas-sitt ċirkostanzi tassattivi li jissemmew fl-artikolu 836(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Nuqqas bħal dan tqies mill-Qrati tagħna li jkun "fatali għat-talbiet tal-istess rikorrent"[6]. Il-Qorti tifhem u temmen bis-sħiħ li jkun biżżejjed għas-siwi tar-rikors li l-kliem użat mir-rikorrent ikun sostanzjalment jaqbel mal-kliem misjub fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1), ukoll jekk ir-rikors ma jiċċitax espressament l-istess dispożizzjonijiet, u dan b'ħarsien ukoll tar-regola li wieħed għandu jħares u jimmira aktar li jagħmel ħaqq milli jintilef f'formaliżmu żejjed. Iżda lil hinn minn hekk, ma għandu qatt jinftiehem li l-ilment ta' rikorrent kontra l-ħruġ kontrih ta' Mandat kawtelatorju jista' jiġi implikat b'xi analoġija jew taħlita ġenerika li ma tissarrafx f'ċirkostanzi waħda jew aktar minn dawk imsemmija fl-artikolu rilevanti;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha l-eżekutat ma jfisser bl-ebda mod taħt liema waħda mill-kawżali msemmija jrid li din il-Qorti tqis it-talba tiegħu. F'dan ir-rigward, għandu raġun l-eżekutant Difesa li jilminta min-nuqqas ta' siwi tar-rikors;

Illi għalhekk, it-talba tar-rikorrent eżekutat ma tistax tintlaqa' għaliex ma saritx kif messha saret;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent eżekutat Fabri bl-**ispejjeż ta' din il-proċedura** kontra tiegħu.

Mogħti kameralment illum, l-Erbgha, is-16 ta' Diċembru, 2015.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

---

[6] Ara, per eżempju, P.A. RCP **10.5.2001** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et***

Komunika: Rikorrent eżekutat: Dr. Ludvic Caruana LL.D.
Intimati eżekutanti: Dr. Henry Antoncich LL.D.

(Kopja għan-notifika tal-partijiet)